MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 2211/2003

**Casapinta Design Group Limited**
**vs**

**C.N.J. International Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Novembru, 2003, fejn intalab il-hlas ta' mija u hamsa u sebghin lira Maltija u hamsa u disghin centezmu (Lm175.95), rappresentanti prezz ta' provizjoni ta' ghamara u attrazzi utilizzati mis-socjeta` konvenuta u fuq struzzjonijiet taghha stess, u dana, in konnessjoni mal-« Boat Fair 2002 » skond fattura li ggib in-numru 6921 ;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 11 ta' Settembru, 2003, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-fattura relattiva kontra s-socjeta` konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu tas-socjeta` attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li r-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta baqa' ma deherx.**

**Ghaldaqstant fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u hamsa u sebghin lira Maltija u hamsa u disghin centezmu (Lm175.95) bl-imghax legali mit-8 ta' Novembru, 2003.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 11 ta' Settembru, 2003, ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------